Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 10 ta' Lulju 2020**
**(OR. en, de)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0048(COD)**

**9425/20**
**ADD 1**

**CODEC 600**
**ECOFIN 569**
**EF 135**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv Ewropej għan-negozji, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937 **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill<br>= Dikjarazzjoni |

## Dikjarazzjoni mill-Awstrija

L-Awstrija mħassba serjament li l-qafas legali armonizzat għall-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv Ewropej kif previst ikun jirriżulta eċċessivament ta' piż, b'mod partikolari, għal ħafna mill-fornituri nazzjonali żgħar u jipperikola l-vijabbiltà tagħhom. Għal din ir-raġuni, l-Awstrija appellat ripetutament għal eżenzjoni għal fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv li ma jwettqux attivitajiet transfruntieri biex dawk il-fornituri jitħallew ikomplu joperaw skont ir-reġimi nazzjonali attwali tagħhom u li jittieħed kont tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Peress li tali eżenzjoni ma ġietx inkluża, dawn it-testi ta' kompromess ma għandhomx jiġu approvati.